# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2019
Rikors Numru: 147/2019 VGA

*Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 1200/2019*

**Automated Revenue Management Services Limited** (C 46054) **f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

***vs***

**Helen Borg** (K.I. 160168M)**, Mario Grima** (K.I. 18965M), **Martina Spiteri** (K.I. 799358M)**, Theresa Marquette** (K.I. 525861M)**, Darren Grima** (K.I. 531479M) u **Sharon Sultana** (K.I. 391077M)

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors urgenti ipprezentat fil-15 ta' Lulju, 2019, li permezz tieghu ir-rikorrenti Helen Borg, Mario Grima, Martina Spiteri, Theresa Marquette, Darren Grima u Sharon Sultana talbu s-segwenti:

   *"Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

   i. *Tiddikjara illi a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi rrevokat il-mandat ta' sekwestru de quo b'mod immedjat;*

ii. *Tiddikjara wkoll illi a tenur tal-Artikolu 279 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta n-nullita' jew* l-ezekuzzjoni tal-mandat *de quo*;

iii. *Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1200/19 fl-ismijiet Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-llma f'isimha propju u ghan-nom "tal-Enemalta plc u I-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Helen Borg (KI 160168(M), Mario Grima (KI 18965(M), Martina Spiteri (KI 799358(M), Theresa Marquette (KI 525861(M), Darren Grima (KI 531479(M) u Sharon Sultana (KI 391077(M) (Sekwestrati);*

iv. *Taghti kull provediment iehor illi dina 1-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun"*

2. Rat ir-risposta pprezentata fil-31 ta' Lulju, 2019, li permezz taghha l-intimati Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma laqghu ghat-talba tar- rikorrenti kif gej:

1. *"Illi, is-Socjeta' esponenti tirribatti bil-qawwa kollha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt 1-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, u ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michudin bl-ispejjez;*

2. *Illi, preliminarjament u ghal fini ta' korrettezza, 1-ittra ufficjali bin-numru 669/2019 u 1-mandat ta' sekwestru bin-numru 1200/2019 gew intavolati mis-Socjeta' Automated Revenue Management Servicies Limited f'isimha propju u ghan-nom tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u 1-Enemalta plc u mhux mir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u 1-Ilma, kif indikat fir-rikors tar-rikorrenti;*

3. *Illi, r-rikorrenti kollha gew debitament notifikati bl-ittra ufficjali bin-numru 669/2019 mibghuta mis-Socjeta' esponenti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi, nonostante li gew notifikati, naqqsu milli jipprezentaw nota ta' kontestazzjoni fl-atti tal-Ittra fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika, kif preskritt fl-Artikolu 166A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u anke sahansitra kif indikat fl-intimazzjoni tal-istess ittra u ghalhckk, gie intavolat Mandat ta ' Sckwcstru fil-konfront tar-rikorrenti;*

5. *Illi in segwitu tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontra r-rikorrenti, gew intavolati dawn il-proceduri sabiex jitolbu r-revoka tal-istess mandat. Bid-*

*dovut rispett, dawn il-proceduri m'huma xejn ghajr tentattiv sabiex tigi gustifikata l-mankanza tar-rikorrenti meta naqqsu milli jipprezentaw kontestazzjoni skond il-Ligi sabiex jopponu l-ittra fit-terminu moghti lilhom;*

6. *Illi, di piu' l-argumenti tar-rikorrenti jiccentraw fuq kwistjonijiet fil-mertu. Huwa ormai stabbilit li din il-procedura ma tistax tigi uzata sabiex il-Mandat jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbutin mal-mertu nnifsu.*

   *Ghalhekk, in vista tas-suespost, is-Socjeta' esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, tikkonferma l-validita' tat-titolu ezekuttiv u tordna li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1200/19 ghandu jibqa' fis-sehh."*

3. Rat l-atti processwali kollha u kkunsidrat l-ispjegazzjoni li taw l-abbli avukati rispettivi quddiem il-Qorti fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2019.

**Kunsiderazzjonijiet**

4. Dawn huma l-fatti rilevanti:-

   i. Fis-26 ta' Frar 2019, l-intimatiipprezentaw ittra ufficjali kontra r-rikorrenti lkoll bhala eredi ta' George Grima (K.I. 182229M) fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema ittra ggorr in-numru ufficjali 669/2019.

   ii. Mir-riferti jirrizulta illi s-sitt rikorrenti (intimati f'dik il-procedura) gew notifikati b'kopja tal-istess ittra ufficjali u ghaldaqstant fil-konfront ta' kull wiehed u wahda minnhom beda jiskatta t-terminu ta' tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika sabiex jipprezentaw nota risponsiva fl-atti tal-istess ittra sabiex, dejjem jekk iridu, jikkontestaw l-ammont mitlub minnhom.

   iii. Fit-2 ta' Mejju 2019 l-ittra ufficjali giet reza esekuttiva fil-konfront tar-rikorrenti kollha stante illi hadd minnhom ma' pprezenta in-nota risponsiva fiz-zmien stipulat.

   iv. Fil-21 ta' Gunju 2019 l-intimati pprocedew bl-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv taghhom billi pprezentaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti, liema mandat igib in-numru ufficjali 1200/19 u liema mandat qieghed jigi attakkat permezz tal-procedura odjerna;

5. Skond ir-rikorrenti, ir-rikors urgenti taghhom sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru surreferit kellu jigi intavolat ghaliex, dejjem skond kif hemm imnizzel

fir-rikors taghhom, *"ma' kellhom l-ebda nexus mal-kont relatat mal-fond in kwistjoni"* u meta marru jinfurmaw b'dan lill-intimati, kienu allegatament inghataw il-kelma minn certu Ray Falzon (allegatament impjegat ta' wiehed mill-intimati) illi huma tabilhaqq kellhom ragun, li l-proceduri kienu ser jitwaqqfu fil-konfront taghhom u li ghaldaqstant fuq din l-istess allegata kelma tieghu huma ma' intavolawx risposta fiz-zmien stipulat.

**X'tghid il-ligi**

6. L-Artikolu 281 (gia' Artikolu 283A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

   **281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

7. Ghandu jinghad illi fil-procedura li ghandha quddiem din il-Qorti, il-ligi ma' taghtijiex li tiddeciedi l-legalita' o meno tat-titolu ezekuttiv li abbazi tieghu nhareg il-mandat in kwistjoni. Din hija kwistjoni diversa li trid tigi deciza bi procedura specifika u cioe' taht l-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Dan qed jinghad proprju ghaliex is-sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikors taghhom lkoll huma diretti kontra l-ittra ufficjali u mhux strettament kontra l-mandat ta' sekwestru li nhareg abbazi tal-ittra.

9. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Edward Pace vs Michael Sultana et.</u>** (QPA:CIV:287:05:JRM deciza fil-5 ta' Mejju 2005) u fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Emanuel Vella vs Lloyd's Malta Limited et.</u>** (QPA:CIV:985:03:JRM deciza fit-30 ta' Ottubru 2003):

   *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv nnifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li*

*jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir- rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.*

*Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma."*

10. Huwa car ghalhekk illi dak li qed allegaw ir-rikorrenti bl-ebda mod ma' jolqot is-siwi o meno tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar il-validita' tat-titolu ezekuttiv, jew sakemm ma jirriżultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu eżekuttiv ikollu jitqies li għadu fis-seħħ.

11. Mad-daqqa t'ghajn jidher illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u ma' jidhirx li hemm xi għelt jew nuqqas fil-hrug tieghu. Ghalhekk ma' jirrizultax li hemm raguni tajba sabiex l-istess mandat ta' sekwestru jigi mhassar u sabiex tigi milqugha l-ewwel talba tar-rikorrenti.

12. Fir-rigward tat-tieni talba, m'huwiex car ghall-Qorti x'inhu ezattament dak li qed jitolbu r-rikorrenti, cioe' jekk hux in-nullita' tal-mandat jew inkella hux in-nullita' tal-ezekuzzjoni tal-mandat. Huwa vera illi l-Artiklu 279 citat mir-rikorrenti jaghmel riferenza ghall-jedd tad-danni lill-esekutat kontra l-esekutant f'kaz tan-nullita' ta' mandat jew tal-esekuzzjoni tiegħu izda l-istess artiklu tal-ligi certament m'huwiex il-bazi legali tat-talba mressqa mir-rikorrenti. Lanqas ma' ntalbet xi korrezzjoni matul is-smiegh tar-rikors biex tigi kkjarifikata din it-talba. Fi kwalunkwe kaz, dan il-mandat zgur ma' jistax jigi ddikjarat null galadarba ma' hemmx lok ghat-thassir tieghu u inoltre r-rikorrenti fl-ebda stadju ma' allegaw xi nuqqas jew nuqqasijiet fir-rigward tal-ezekuzzjoni tal-mandat.

13. Fir-rigward tat-tielet talba din hija korollarja ghall-ewwel talba fis-sens illi hija dipendenti fuq li din il-Qorti tiddikjara li l-mandat ghandu jigi revokat, xi haga li din il-Qorti m'hijiex ser taghmel ghar-ragunijiet fuq indikati.

**Decide**

**14. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tiddeciedi dwar ir-rikors promotur billi tiċħad it-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru**

**1200/19 fl-ismijiet premessi flimkien mal-bqija tat-talbiet l-oħra, billi mhix mistħoqqa, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti**.

**Moqrija *seduta stante* illum 26 ta' Awwissu 2019.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**